Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 04/15

**AVVIŻI**

**15 ta' Novembru 2015**

---

Il-ġabra tal-lum tmur għall-iskejjel tal-Knisja li għandhom il-missjoni li jagħtu formazzjoni b'valuri nsara lil uliedna.

---

*Illum* sa jibda jiltaqa' l-kor tat-tfal fil-5pm fil-Knisja. Inħeġġu lit-tfal kollha tal-parroċċa biex jieħdu sehem.

Fil-jiem li ġejjin jiftħu l-applikazzjonijiet għall-iskejjel tal-knisja. Tistgħu tiksbu t-tagħrif meħtieġ minn fuq in-noticeboards jew mis-sit elettroniku tad-djoċesi.

Nhar il-Sibt li ġej 21 ta' Novembru fil-quddiesa ta' filgħaxija sa jkollna magħna lis-sorijiet Ursolini ta' Gwardamanġa flimkien ma' xi tfal li jieħdu ħsieb huma. Nieħdu l-okkazzjoni biex niltaqgħu ma' din il-komunità sabiħa li sa żżurna u tmexxi l-kant ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

Nhar is-Sibt 21 ta' Novembru sa ssir *Pizza Night* fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.30pm. Bookings fis-sagristija jew għand il-membri tal-Kumitat Festa. Nieħdu din l-okkazzjoni biex niltaqgħu bħala familja parrokkjali u nifirħu flimkien. Aktar dettalji fuq in-noticeboards.

Il-Ħadd, Festa ta' Kristu Re, issir ċelebrazzjoni djoċesana li tinkludi l-quddiesa fil-5pm fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żabbar.

---